MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 89/1997/1

Angelo Vella

vs

Paul Mompalao

Il-Qorti,

Fis-17 ta' Mejju, 2001 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni  sofferti mill-attur konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fit-tletin (30) ta' Gunju tal-

elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fi Pjazza Tomba, Victoria, Ghawdex, bejn il-mutur tal-marka Suzuki u bin-numru tar-registrazzjoni P-2667 appartenenti lil Marthese Mompalao u misjuq minnek konvenut u l-karrozza tal-karka Kia u bin-numru tar-registrazzjoni ANG 078 appartenenti u misjuqa mill-attur, ta' liema incident inti konvenut kont unikament responsabbli minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Lulju 1997 tal-ittra ufficjali ta' Lulju 1997 u dik ipprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u mibghuta lill-assikurazzjoni tieghek .  Bl-imghaxijiet mid-data  tal-incident sad-data tal-hlas relattiv .

Bis-subizzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi d-domanda attrici hija nforndata fid-dritt ufil-fatt stante illi ghall-incident awtomobilistiku msemmi jahti unikament l-attur meta minhabba mperizja, traskuragni grassa, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku imblokka l-karreggjata tal-mutur misjuq mill-konvenut .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbali tax-xhieda prodotti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tittratta kollizjoni li sehhet bejn karozza misjuqa mill-attur u motor-cycle misjuq mill-konvenut . Mid-depozizzjoni tas-surgent Frank Portelli li rrediga l-okkorrenza u l-iskizz relatttiv ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, jirrizulta illi  a tempo vergine l-attur stqarr illi :

" hu kien gej minn Triq Vajringa, waqaf fuq Stop Sign, harist harsa madwari, rajt li t-triq kienet 'clear' u ma kien gej hadd, hrigt u kif wasalt fejn qieghed fid-daqqa u l-hin gie mutur minn Triq il-Librerija u baqa' diehel go fija" .

Il-konvenut da parti tieghu qallu illi : "hu kien gej minn Triq il-Librerija, waqaf fuq Stop Sign, harist harsa, ma rajt lil hadd gej u hrigt, fil-pront harget vettura minn Triq Vajringa, bil-konsegwenza li hbatna ma' xulxin" .

Fid-depozizzjoni tieghu l-attur ikkonferma dak li kien qal lis-surgent u zied illi l-konvenut qabad u hareg minn Triq il-Librerija b'certa velocita' u minghajr dawl flimkien ma' mutur iehor li pero' skapulah, billi ghadda minn warajh . Il-konvenut, ghalkemm ammetta li kien akkumpanjat minn zijuh ta-r-rispett li kien qed isuq motor-cycle iehor, cahad li kien qed isuq b'velocita' . Anzi sostna li kien ghadu kemm qala' minn fuq li Stop Sign fit-tarf ta' Library Street b'xi 25 kilometru fis-siegha . Spjega wkoll illi zijuh, ghalkemm kien ghaddej warajh, ma ra xejn mill-incident u infatti baqa' sejjer u rega' lura biss x'hin wasal id-dar u nduna li l-konvenut ma kienx irritorna ukoll .

Mill-iskizz esebit (a fol. 34 tal-process) jigi nnotat illi :

i. l-ebda wahda mill-vetturi nvoluti ma halliet brake marks ;
ii. sew fit-tarf ta' Triq Vajringa fejn din tikkonduci ghal Pjazza Tomba, kif ukoll fit-tarf ta' Library Street fejn tikkonduci ghall-istess pjazza hemm stop signs ;
iii. vettura li tkun hierga minn Triq Vajringa ma jkollhiex vizwali tajba tal-vetturi li jkunu hergin minn Triq il-Librerija jekk ma tkunx qabzet xi ftit li stop sign ;
iv. hekk ukoll vettura hierga minn Triq il-Librerija ma tistghax tinduna b'vetturi li jkunu gejjin minn Triq il-Vajringa qabel ma dawn jinfaccaw fil-pjazza ;
v. il-habta sehhet proprju fil-kantuniera ta' Tomb Square mat-Triq ta' l-Ghajn . Ir-ritratti esebiti mill-attur (a fol. 15, 16) u r-rapport tas-surveyor (Dok. AV. 1 a fol. 9) juru illi l-mutur tal-konvenut laqat il-gemb tan-naha tad-driver tal-karozza bil-hsara kkagunata fil-"front right wing, front right door, rear right door u front right mud flap" . Dan kollu jindika illi l-attur ma kienx stazzjonarju meta ha d-daqqa u

jikkontradixxi  dak li jallega l-konvenut fis-sens illi l-mutur tieghu mad-daqqa baqa' mwahhal go l-karozza .

Minn dawn il-fatturi kollha l-Qorti tasal biex tikkonkludi illi xejn m'hija kredibbli l-verzjoni tal-konvenut .  L-ewwel nett ma jistghax ikun illi huwa tassew waqaf fuq li stop sign qabel ma hareg ghal gewwa l-pjazza, ghax ex admisis kien qed isuq bil-25 k. f. s.  Motor-cycle tal-kapacita zghira bhal dak li kien qed isuq il-konvenut (Suzuki 80 c.c.) mhux probabbli li mix-xejn jista' jtella' dik il-velocita' f'distanza daqstant qasira bejn li stop sign u fejn spiccaw il-vetturi . Lanqas ma jista' jkun verosimili li zijuh kien ghaddej warajh u ma ra xejn mill-incident .  Anzi kieku kien tassew hekk, kien ikun f'pozizzjoni tajba biex jara kollox isehh quddiemu .  Il-fatt li l-attur lahaq qasam Pjazza Tomba kollha ghal distanza ta' ghaxar metri, li s-surgent indika mill-punt 'G' sal-punt 'D' fuq li skizz (a fol. 34), minghajr ma applika l-brake jindika illi l-mutur tal-konvenut ma setghax kien ghadu  wasal fuq li stop sign ta' Triq il-Librerija x'hin l-attur hareg minn Triq il-Vajringa . Altrimenti l-habta kienet issehh aktar lura lejn Triq il-Vajringa .  Hekk ukoll il-fatt li z-ziju tal-konvenut ghadda minn wara l-karozza u l-konvenut ma setghax jevitaha, huwa indikattiv tal-probabilita' li tassew iz-zewg muturi hargu minn Triq il-Librerija flimkien u mhux wara xulxin, kif isostni l-konvenut .

Zgur ghalhekk illi l-konvenut, ghalkemm kien id-dover tieghu li jieqaf fuq li stop sign u ma johrogx qabel ma jaccerta ruhu li ma jkun gej xejn mid-direzzjoni ta' Triq il-Vajringa (ara rule 84 tal-Highway Code), qabad u hareg bl-istess velocita' li kien ghaddej biha ta' 25 k. f. s., minghajr ma waqaf biex jesplora t-triq .  Ghalkemm zijuh irnexxielu jizgicca l-habta, huwa invece sab il-karozza ta' l-attur ma' wiccu .

L-attur da parti tieghu ma jidher li kontribwixxa bl-ebda mod ghal din il-habta .  Id-dmir ta' l-attur f'tali ciorkostanzi kien bhal dak tal-konvenut li jieqaf fuq li 'stop sign' f'tarf it-triq li kien hiereg minnha u jesplora  l-pjazza li kien diehel fiha .  Ma hemm xejn f'din il-kawza li jista' jindika li dan id-dover l-attur ma wettqux .

Jirrizulta ghalhekk illi ghal dan l-incident stradali jahti unikament il-konvenut, li ma uzax prudenza fis-sewqan tieghu u naqas li jossserva r-regolamenti tat-traffiku meta injora 'stop sign' . Mill-verbal tal-kontendenti tad-9 ta' Novembru 2000 (a fol. 60), jidher illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni kkagunati fil-karozza ta' l-attur . Mill-ircevuti esebiti bhala "Dokti. AV 2, AV. 3 u AV. 4" a fol. 11, 12, 13 u 14 tal-process, jirrizulta illi l-attur hallas total ta' mitejn sitta u erbghin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm246.56) inkluz ir-rapport tas-surveyor, bhala konsegwenza tal-hsarat li sofra fil-karozza tieghu in segwitu ghal din il-kollizjoni . Ma hemm l-ebda raguni ghaliex dan l-ammont m'ghandux ikun ripettibbli .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali indikat fl-avviz, tillikwida d-danni fl-ammont ta' mitejn sitta u erbghin lira maltija, sitta u hamsin centezmu (Lm246.56) u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma lill-attur .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-17 ta' Lulju 1997, ta' l-ittra ufficcjali ta' Lulju 1997 u dik spedita kontestwalment ma' dan l-Avviz lid-ditta assikuratrici tal-konvenut, kontra l-istess konvenut ."

Minn dan l-incident meritu ta' din il-kawza originat ukoll kawza ohra fl-ismijiet "Marthese Mompalao -vs- Angelo Vella" (Avviz numru. 145/97 PC) deciza mill-istess Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kif presjeduta u fl-istess gurnata. Anke minn dik is-sentenza qed isir appell quddiem din il-Qorti u z-zewg kawzi qed jigu trattati u decizi kontestwalment.

Il-fatti li taw lok ghall-incident in kwestjoni jinsabu sew riprodotti fis-sentenza appellata u mhux il-kaz ghalhekk li jergghu jigu mtennija. Il-konvenut appella minn din id-decizjoni bl-aggravju ewlieni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u kkunsidrat aspetti ghal kollox estranei ghall-meritu tal-kaz.

In succint, l-ewwel Qorti irriteniet li l-verzjoni tal-konvenut appellant ma kienet xejn kredibbli u in effetti sabet skond il-gudizzju taghha tal-provi akkwiziti illi ma kienetx veritiera l-allegazzjoni tal-appellant illi hu tassew waqaf fuq l-istop sign.

Din il-Qorti irriezaminat il-provi attendibbli u fuq dan l-ezami u l-access 'in loco' mizmum minnha taghmel dawn l-osservazzjonijiet preliminari:-

(1) Skond it-topografija tal-lokalita` fejn sehh l-incident iz-zewg toroq konvergenti ghal fuq pjazza Tomba, r-Rabat, u cjoe` Triq Vajringa u Triq il-Librerija, huma laterali b'dan illi fil-fehma tal-Qorti, minn dak konstatat 'de visu', jidher li Triq Vajringa hi aktar frekwentata bhala arterja tat-traffiku minn dik l-ohra;

(2) Ghal min ikun hiereg minn Triq il-Librerija, Triq Vajringa hi sitwata fuq ix-xellug taghha. Dan jirrizulta b'mod car anke mill-iskizz.

(3) Fiz-zewg toroq, ghallanqas zgur fl-epoka tal-incident, kien hemm 'stop signs' fit-tarf ta' kull wahda minnhom, kif hekk raffigurat fl-iskizz (fol 34), u kif konfermat minn PS1407 Frank Portelli (fol 30) li irredigieh 'in situ'.

Premessi dawn l-osservazzjonijiet, huwa ben assodat f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilita` ghall-incidenti stradali illi l-Qorti adita ghandha tiggwida ruhha fuq dak li jkun irrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tal-incident partikolari u tapplika ghalih il-gudizzju taghha in konformita` mar-regoli stabbiliti u dawk il-principji tal-bon sens u tal-prudenza komuni li l-konducenti kienu tenuti josservaw u jsegwu.

Jibda biex jigi rilevat in linea preambolari ghar-riflessjonijiet li ser isiru fuq il-fatti tal-kaz in ispecje illi, kif espress fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Jannar 1997 fil-kawza fl-ismijiet "Jesmond Bonello -vs- Giulio Baldacchino", "stop sign hu sinjal li jaghti ordni perentorju lis-sewwieq li jieqaf, u jieqaf zoptu warajh, halli jesplora t-

triq u jaccerta ruhu qabel jibda johrog li ma kienx gej traffiku u li allura seta' jaghmel it-traversata ta' l-inkrocju bla perikolu ghalih u ghal traffiku iehor."

Dan qed jigi accentwat in kwantu f'dan il-kaz partikolari, kif gja rilevat, iz-zewg toroq perkorsi mill-kontendenti kellhom 'stop sign' u allura kien jinkombi fuq iz-zewg kontendenti li jieqfu, jassikuraw li t-triq li riedu jaccedu fiha kienet libera u jitraversawha bid-dovuta kawtela, il-massima attenzjoni u prudenza, u l-harsien ta' dawk ir-regolamenti li jghoddu.

F'din il-kawza l-attur appellat jghid li hu kien qed isuq fi Triq Vajringa, waqaf fuq l-istop sign, hares fid-direzzjoni ta' Triq il-Librerija u l-Oratorju Don Bosco, ra li ma kien gej hadd, hareg kemm kemm jitharrek u kif wasal biex jaqbad Pjazza Santu Wistin safa milqut mill-mutur misjuq mill-konvenut. Minn naha l-ohra l-konvenut appellant isostni li dakinhar tal-incident hu kien gej lura mix-xoghol, ghadda minn Triq il-Librerija u waqaf fuq l-istop sign taghha. Ra li ma kienux gejjin vetturi u baqa' hiereg. Jakkompanjah fuq mutur iehor kien hemm zijuh tar-rispett.

Affermat dan r-rakkont kif johrog mill-Affidavits rispettivi, meta wiehed jaddentra ruhu fil-kumplament tad-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti tigi riskontrata l-konflittwalita` tal-versjonijiet. Hekk l-attur jghid li l-muturi tfaccaw b'velocita` kbira ("gew traxxnati") wiehed minnhom bid-dawl u dak li habat fih bla dawl. Mad-daqqa l-mutur inqaleb mal-art. Invece, l-appellant jikkontendi illi meta kien qed jipprocedi f'Pjazza Tomba b'velocita` non eccedenti l-25 kilometru fis-siegha ra l-karozza tal-attur hierga sparata ("habta u sabta") minn Triq Vajringa fid-direzzjoni tieghu. Dejjem skond l-appellant il-mutur baqa' ingastat fil-karozza u ma nqalebx. Incidentalment, dan ma jidherx li jattalja ma' dak sostnut minn PS 1407 Frank Portelli li qal li meta acceda fuq il-lok tal-habta ra l-mutur fl-art.

Dan premess, huwa pacifikament akkolt illi f'materja ta' konflittwalita` "l-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u

verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" (Kollez Vol L pII p440).

Jinkombi ghalhekk bi dmir fuq il-Qorti li tipprova minn din l-istess konflittwalita` tirrikostruwixxi d-dinamika tal-incident u tasal ghall-addebitu tar-responsabilit`.

L-appellant jittanta permezz tal-obbjezzjonijiet tieghu tas-sentenza appellata jaskrivi l-htija ghas-sinistru fuq l-attur appellat.  Huwa fil-fatt jissottometti li kienet skorretta l-ewwel Qorti meta waslet ghal konkluzjoni li taccetta l-versjoni tal-attur u ma taccettax, bhala kredibbli, dik tieghu.  Invece, dejjem skond il-punto di vista tieghu, u fit-tentattiv li jiskolpa ruhu minn kull addebitu ta' htija, ghalih il-kawza prossima tal-incident kien il-hrug intempestiv tal-attur mit-triq laterali ghal fuq il-pjazza.

Din il-Qorti, fuq il-bazi tar-rizultanzi processwali, ma taqbelx mas-sottomissjoni tal-appellant.  Fir-rigward taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Jibda biex jigi osservat illi kieku kellu jittiehed bhala korrett dak li gie sottomess minnu, u cjoe, li kienet il-vettura tal-attur li harget sparata minn Triq Vajringa meta hu kien qed jipprocedi fi Pjazza Tomba biex jidhol fi Triq il-Fontana, u dan allura fl-istess mument li hu kien ghaddej bil-25 kilometru fis-siegha, u meta jitqies ukoll illi hemm biss distanza ta' ftit metri mill-imbokkatura ta' Triq il-Librerija sa dik ta' Triq il-Vajringa, l-incident kien ikollu riperkussjoni u effett akbar u impatt aktar qawwi minn dak li fil-fatt irrizulta.

(2) Ma' din l-osservazzjoni hi abbinata dik l-ohra illi hu difficli ghall-Qorti li tivvizwalizza sitwazzjoni bhal dik deskritta mill-konvenut fir-raffront ta' dak li realment sehh. Dan qed jigi rilevat biex jigi registrat il-fatt illi kieku tassew l-attur hareg sparat din il-vettura, li kienet in motion, u ma rrizultaw l-ebda brake marks, kienet certament tibqa' wara l-impatt 'in motion' ghall-anqas ghal certa distanza.  Ma jistax jigi accettat li dan kollu seta' kien possibbli meta tqis

fl-istess waqt, u dejjem fuq il-versjoni tal-appellant, illi l-mutur baqa' "pinned" fil-karozza tal-attur bih fuqu.  Anke ghal din ir-raguni s-sottomissjoni tal-konvenut, li ghandha mill-inkredibbli, ma tistax titwemmen.  Invece il-posizzjoni tal-car tal-attur, razenti l-bankina, hi aktar indikattiva li dan kien qed isuq bi speed normali u regolamentari.  Din il-konstatazzjoni ghandha allura aktar tiffavorixxi l-versjoni tal-attur.

(3) Illi anke kieku kellu ghall-grazzja tal-argument jigi ritenut illi z-zewg konducenti waqqfu fuq l-istop sign u hargu simultanjament appena dehrilhom li t-triq kienet libera, f'din l-eventwalita` kien ovvju li l-appellanti kellu jaghti d-dritta fil-hrug lill-vettura tal-attur billi din kienet hierga minn fuq ix-xellug tieghu.  Hekk kien normali f'sitwazzjoni ta' dan ix-xorta.  Kien jispetta lill-appellant, li kkontrapponga b'difiza l-htija fl-attur, li jgib prova konklussiva l-kontra fir-rigward tas-sewqan tal-attur.  Kif gja manifest, l-atti u d-dinamika tal-incident ma jissufragawx lill-appellanti f'dan il-kuntest.

(4) Dan precizat, jinghad, b'rifless tac-cirkostanzi fattwali, illi l-argomenti tal-appellanti in sostenn tal-aggravju ma jikkonvincux.  Meta wiehed jikkonsidra l-kwadru kollu ma jidherx li jista' jkollok konkluzjoni diversa minn dik raggunta mill-ewwel Qorti.  Anke ghal din il-Qorti l-provi huma dimostrattivi tal-fatt illi l-appellanti ma waqafx wara l-istop sign qabel hareg fit-triq u l-probabilita` hi li dan verament kien qed itellaq mal-mutur misjuq minn zijuh u li tassew ukoll li dawn hargu flimkien minnTriq il-Librerija.

(5) Minn dan il-fattur din il-Qorti ukoll tasal ghal konkluzjoni illi l-kawza prossima, immedjata u unika tal-habta kien il-mod inkonsult tal-appellant li 'ex abrupto' u bla ma waqaf hareg minn wara l-istop sign.  Kombinat ma' dan hemm imbaghad il-fattur speed anke jekk l-appellant jittanta jislet l-argoment illi dak mistqarr minnu relattivament ghal speed ta' 25 k.f.s. ma kellux jinftiehem kif interpretatu l-ewwel Qorti.  Kif drabi ohra osservat anke f'kaz li t-triq tikkonsentilu d-dritta dan ma jfisserx li konducent jista' jitrasformaha f'pista tat-tigrija ghaliex l-ispeed, meta jkun eccessiv, jinnewtralizza dak il-'margin of

safety' tant necessarju ghal kull emergenza li tista' tinqala'. Ara Kollez. Vol XLVI pIV p883.

(6) Anke fil-fehma ta' din il-Qorti ma jidherx li tista' tigi addossata htija kontributorja ghal dak li gara fuq l-attur. Is-sewqan tieghu ma jidherx li kien la sgarbat, la imprudenti u lanqas il-kawza determinanti tal-iskontru. Effettivament din il-Qorti ma ssibx elementi sufficjentement konvincenti biex tigi ghall-konkluzjoni li l-appellat ikkontribwixxa ghall-incident.

(7) Isegwi minn dan kollu u mill-kumpless tal-provi illi l-ghemil tal-konvenut appellant kien jikkostitwixxi l-kawza unika u determinanti tal-kollizzjoni. Kien hu li ghazel li ma jsegwix ir-regoli ta' sewqan prudenti li c-cirkostanzi kienu hekk jiddettawlu. Ghalhekk kien xieraq li jbati l-konsegwenzi ta' dan l-istess ghemil. Konsegwentement din il-Qorti ma ssibx raguni soda biex tallontana ruhha jew tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mill-konvenut appellant.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------